# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## INTERPRETAZZJONI TA' DECIZJONI NRU. 145

KAZ NRU 178

Wara d-decizjoni fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

it-Taqsima tad-Drydocks (Metall) tal-
General Workers' Union ghan-nom ta'
s-Sur Michael Xuereb

u

l-Malta Drydocks

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 26 ta' Awissu, 1983

Chairman: A Debono C.P.A.A.

It-Tribunal fuq talba li saritlu mis-Sur A Busuttil, Segretarju Taqsima tad-Drydocks (Metall) General Workers' Union, permezz ta' ittra li ggib id-data tat-8 ta' Awissu, 1983, biex jaghti nterpretazzjoni taht id-disposizzjoni ta' l-Artikolu Nru 35 ta' l-Att Nru XXX ta' 1976, it-Taqsima qalet illi d-Decizjoni Nru 145 li nghatat nhar il-5 ta' Awissu, 1983 halliet lok ghal certu dubbju f'mohh is-Segretarju ta' l-istess Taqsima. Ghaldaqstant huwa talab li jinghata nterpretazzjoni ta' din il-parti ta' l-Award:-

> "xi pagamenti li jista' jkollu dritt ghalihom taht il-ligijiet tas-Sigurta Nazzjonali u l-Att ta' l-1952 li jirregola l-kundizzjonijiet ta' l-Impieg."

Bis-sahha ta' l-Award fuq imsemmi, cioe' li t-tkeccija tas-Sur Michael Xuereb ma kienitx ghal raguni gusta u sufficjenti, l-istatus ta' l-Impieg tieghu ghal matul il-perijodu ta' mill-gurnata li hu kien tkecca sa meta rega' dahal lura ghal-xoghol, gie kkristallizzat bhala wiehed li kien ghadu fuq ir-Registru ta' l-Impieg tal-Malta Drydocks.

.../2

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dan il-fatt, jekk is-Sur Xuereb isib li huwa ntitolat ghar-rifond minn ghand id-Drydocks ghal xi parti tal-Kontribuzzjonijiet li forsi hu seta' ghamel lid-Dipartiment tas-Sigurta Nazzjonali matul iz-zmien li kien ghamel barra mix-xoghol is-Sur Xuereb ghandu dritt ghal din is-somma rifondabbli.

L-istess jekk is-Sur Xuereb isib li ghandu dritt ghal Bonus taht il-Ligi li jirregola l-Kundizzjonijiet ta' l-Impieg, is-somma pagabbli ghandha tigi mhallsa lilhu.

B'hekk it-Tribunal ta' l-interpretazzjoni tieghu skond il-Ligi.

A. DEBONO
Chairman

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

Data: 26 ta' Awissu, 1983

ja